# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

The Royal University of Malta

JEW AGĦMA JEW HAJJEN
MIN IMAQDAR ILSIEN ART TWELIDU

**Ir-Raba' Sena** **Nov. Dic. 1934** **Għadd 45, 46**

Mitbugħ fl-"EMPIRE PRESS" 266, Strada San Paolo — Il-Belt

# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

NOV. u DIĊ. 1934] IR-RABA' SENA [Ghadd 45-46

## BIEX NIMXU AĦJAR

Kull tibdil fil-ħajja ta' poplu, kull tidħil ta' drawwiet ġodda, ta' fehmiet ġodda, ta' liġijiet ġodda aktarx li fil-bidu jġib dejjem xi taqlib; u akbar ikun it-taqlib anqas ma jkun imħejji l-poplu għal dak it-tibdil. X'uħud, marbutin u mjassrin ma' fehmiet qodma, jfixklu kull tiġdid; oħrajn, li jimxu maż-żmenijiet, ħelsin minn kull xkiel, mhux dejjem jaqblu bejniethom kif l-aħjar idaħħlu u jaħdmu dak it-tibdil, biex aktar iseħħ u aktar iżomm.

Il-lsien Malti ġieb fostna tibdila kbira, tibdila li mill-ħajja u mill-ħteġiet tad-dar għollietu u daħħlitu fil-ħajja u fit-tmexxija tal-pajjiż. Daħal il-Malti fl-iskejjel, u daħal b'libsa li qatt ma kien libisha qabel, daħal fl-eżamijiet taċ-ċivil, fejn qatt ma kien daħal, daħal fil-Qorti qalb l-eħrex għedewwa tiegħu. U dil-ħajja ġdida tal-lsien Malti; li għadha fil-bidu tagħha, jaħteġilha, biex aktar tissaħħaħ, kotra ta' żgħażagħ imħarrġin tajjeb fit-tagħlim tal-Malti biex jistgħu jidħlu għax-xogħol il-ġdid fit-tmexxija tal-pajjiż.

U dan it-taħriġ ma jsirx f'siegħa. Ma trawwamx kif ġieb u laħaq żagħżugħ li jkun jista' jidħol għax-xogħol ta' kitba bil-Malti fil-Qorti jew f'xi fergħa oħra tal ħedma u tal-ħajja tal-Gvern. U anqas mhu xogħol ta' siegħa t-taqsim ta' programmi ta' tagħlim li jmexxu u jwasslu

t-tifel mill-iżgħar klassi sal-ogħla post li jista jilħaq. Inżidu wkoll li l-Malti għad ma għandux dik il-ħeffa li għandhom ilsna oħra li tista' ddawwarhom u tħaddimhom kif trid u għal fejn trid. Dawk il-ħteġiet kollha li s'issa nqdew dejjem b'ilsna barranin ma jistgħux illum jinqdew bil-Malti mingħajr ħsieb kbir u reqqa kbira u tiftix u tgħarbil ta' kliem u ta' rbit ta' kliem.

Dan kollu tfixkil li jista' joħroġ barra mit-triq il-mixi tal-Malti. Tassew li s'issa dawk li għandhom f'idejhom it-tmexxija tal-pajjiż għamlu dejjem dmirhom kollu u ħilithom kollha biex idawwru r-roti fit-triq it-tajjba. Iżda sakemm it-triq titwitta għal kollox u titnaddaf minn kull laqxa, l-biża' ta' xi tfixkila, ta' xi tagħwiġa, ta' xi tiġrifa jibqa' dejjem, u biex innaqqsu dan il-biża' aħna nixtiequ li l-Gvern iwaqqaf Kumitat żgħir minn nies l-aktar magħrufin għall-ħila tagħhom fil-Malti biex jagħtu l-parir tagħhom f'kull ħaġa li tmiss il Malti, bħalma huma programmi u kotba tal-iskejjel, eżamijiet, dħul ta' impjegati ġodda fil-Qorti u ħwejjeġ oħra bħal dawn li fihom jidħol il-Malti. Il-Kumitat ma jkollu l-ebda setgħa li jindaħal fit-tmexxija tal-Gvern, iżda li juri biss il-fehma tiegħu, bħal wieħed li jimxi bid-dawl f'idu quddiem karozza biex inneħħi ż-żrar min-nofs jew jurih bid-dawl jekk ma jistâx ineħħih.

Hekk jidhrilna li jimxi aħjar il-Malti u jkollhom għajnuna kbira dawk li għandhom fi ħsiebhom u fuq daharhom it-tmexxija tal-pajjiż u l-ġid tal-Maltin.

# LIL MALTA

## TAL-LUM U TA' GĦADA

*Malta fior del mondo*
(Qawl ta' qabel żmienna)

Kont il-warda tad-dinja w sirt bħal miżbla;
minn kull xorta ta' qżież dieħel ġe' fik:
inti tilqgħu u tifraħ, mara belha!
u d-dinja tidħak bik.

Fejn hu l-għaqal tar-rġiel? Fejn hi tan-nisa
il-mistħija fil-ħars, fil-kliem, fil-lbies?
X'sar minnha l-warda tax-xbubija? Ahi qada!
kollox irmejt bla qjies,

għax ruħek mardet. Mingħajr ebda rażan
is-semm barrani dieħel ġe' l ibliet,
u ż-żgħażagħ tiegħek jixorbuh u jiskru,
jitkasbru bid-dnubiet,

u s-semm joktor u jiġri, u miexja l-pesta
fir-rħula wkoll u jmut quddiemha s-sliem:
ma fadallek lil ħadd min jilqa' l-ħsara,
għax ma baqagħx ħlief kliem.

U qalbek birdet, għax m'għadhiex issaħħnek
dik l-Emna mqaddsa li fil-jum tal-hemm
kissret l-għodda tal-għira w fuq Sant'Jermu
kitbet storja bid-demm

u rebħet għadu li ħadd ma kien rebaħ:
inti kollox niġġist, djar u triqat;
sa fis-satra tal-Knisja ddaħħal miegħek
il-kesħa tal-frugħat.

Oh! meta jasal bit-tifkira mqaddsa
Settembru mbikki u fl-oqbra minsijin
jitħarrek bi tnehida twila l-għadam
ta' dawk il qalbenin,

isma' minni, tersaqx bit-tifħir f'fommok,
bir-rand f'idejk quddiem il-Monument:
jiena ngħidulek: Gidba sar tifħirek,
u gidba l-Monument;

għax jiena rajthom lil misserijietna,
erwieħ ħosbiena, jduru ma' l-iswar,
ħarsthom miksura, marbutin dirgħajhom
fuq isdra tal-azzar,

ifittxu, jfittxu l-wirt li ħallew huma,
u jxenglu rashom għax ma rawh imkien;
u reġgħu niżlu ġe' qabarhom, ħiemda,
bħal min tilef iż-żmien.

Malta! Jekk għadu ma nkitebx fis-sema
għalik il-ħaqq li mess lil Babilôn, (1)
arġa' lura fuq triqtek: Min ifejjqek
jistenniek ġe' Sijôn.

DUN KARM.

15—XI—34

(1) Curavimus Babylonem et non est sanata; derelinquamus eam.
Dorna biha lil Babilôn u ma fiqetx; inħalluha.

Ger. c. 51 v. 9.

# IL-GĦERF TA' ŻMIEN ILU XTERED FID-DINJA MINN MALTA

Patri Manwel Magri, ġiżwita, kien iħobb il-lsien Malti għal ġid ta' pajjiżna, u mhux għal xi politka bla togħma, u Għerf il-Malti kien għal qalbu, bħalma hu għal qalbi. Bħalu kont naħsibha f'żgħożiti, minn żmien Annibale Preca, bħalu meta sibt ruħi bla ħsieb ta' xejn fis-Senat Malti, fejn semmejt ukoll fuq din il-fehma tiegħi, u ta' fehma waħda għadni l-lum, u nistqarru b'wiċċi minn quddiem bla biża' ta' xejn, għaliex jidhirli li fis-sewwa la darba naqbel mal-Maltin kollha li jħobbu tabilħaqq din id-daqsxejn ta' Gżira ta' Malta. Mill-Palestina għandi jedd naħseb li tnissel il-lsien li sar il-*Malti*, il-lsien għalina u ħadd ma jista' jiċħadulna. U minn għalija, kieku Alla l-imbierek ħalla f'idejja nagħżel jien fejn ridt nitwieled u ngħaddi ħajti, kont nagħżel Malta bil-lsien tagħha, li nħossu ħelu daqs il-għasel tas-sagħtar ta' l-aħrax tal-Mellieħa. Min jista' ilumhom dawk il-Maltin li jħobbu jaħsbu li Sidna Ġesù fl-artijiet tal-Galilija kien jitkellem lsien li jixbaħ ħafna l-lsien tagħna? Dak il-lsien li San Pawl sata' jifhmu meta l-Maltin laqgħuh fuq l-irdumijiet tal-Mistra u daru bih u bi sħabu li miegħu ħelsu mill-għarqa tagħhom bejn il-gżejjer ta' Selmun u Selmunett, u setgħu jifhmu 'l dak Missierna meta għarrafhom biha l-Bxara t-tajba, u talbu l-magħmudija?

Minn żmenijiet wisq aktar imbegħdin, daqs elf jew elfejn qabel il-Miġja ta' Kristu, minn din il-Gżira tagħna xtered il-għerf taa-sengħa tal-bini fil-Greċja u f'Ruma u minn hemm imbagħad trawwem mad-dinja kollha: igħiduh l-aqwa għorrief li jifhmu f'din is-sengħa; igħidu l-ġebel kbir ta' Ħaġar Qim, ta' l-Imnajdra, tal-Ġgantija ta' Għawdex; il-Għerien ta' Ħalsaflieni u fuq kollox il-maqdes ta' Ħal-Tarxien u ħaġar weqfin, u bil-għerf tagħhom li l-lum fi żmienna jgħaġġbu d-dinja! igħiduh nies kbar Taljani, Ġermaniżi, Ingliżi u Maltin; mhux jien qiegħed ingħidu: min irid, jista' jaqra l-kotba ta' Sir Temi Zammit fuq dawn ix-xogħlijiet ta' l-aktar żmenijiet imbegħda, u l-aħħar ktieb tiegħu: *Prehistoric Malta, The Tarxien Temples (Oxford University Press, 1930)*, u jaqta' xewqtu, bla ma jista' jmerina, għaliex il-ktieb tiegħu magħruf u mfaħħar mill-aqwa għorrief.

Iva, "*Ex Melita lux*!" kiteb xi ħadd; jiġifieri: minn Malta ħareġ il-għerf! Eluf ta' snin ilu, din il-Gżira tagħna kienet imgħammra bin-nies, kif jidher minn darsa (għalkemm waħda biss)

ta' bniedem Neanderthal; iltaqa' magħha Ġużè Despott f'Għar Dalam, u għorrief mill-aqwa fost il-barranin jaqblu miegħu li jiġifieri sinna ta' nies li għaxu daqs għoxrin elf sena ilu. U nsabu hemm ukoll għadam ta' bhejjem imdaqqsin sewwa u fost oħrajn ta' xi ljunfanti ma jafux s'issa bihom naħiet oħra u fuq hekk tawhom l-isem ta' "ljunfanti maltin."

U dan ma jistax jingħad li ma jaqbilx mal-*Ġenesi* (l-ewwel ktieb minn ta' Mosè) għaliex il-Kotba Mqaddsa ma jsemmux meta Alla ħalaq l-ewwel bniedem, Adam, iżda jgħidu biss li dak iż-żmien Hu sawwar bniedem xbieha tiegħu u tah il-ħajja.

X'ilsien tgħid kienu jitkellmu in-nies li għexu Malta dawk iż-żmenijiet ta' ilu? La darba bnedmin, x'ilsien kellhom biex setgħu jiftehmu bejniethom! Imma mbagħad xi ngħidu għax-xogħlijiet tagħhom ta' mqades u għerien u oqbra, imfasslin u mibnijin jew imħaffrin b'dehen u sengħa li ma bħalhom, b'għodod ta' xejn? Il-għerien ta' Ħalsaflieni, l-imqades ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra ħwejjeġ tal-għaġeb. Meta daqs tletin sena ilu wassalt il-Professur Dun Mezzacasa, salesjan, jara Ħaġar Qim, staqsejtu kienx xogħol tal-Feniċi. Ixxabbat ma' waħda mill-ġebliet weqfin, ta daqqa ta' għajn madwaru, u dik is-siegħa weġibni li dak xogħol ta' żmenijiet ta' qbilhom, ta' wisq qabel il-Feniċi! Xi ngħidu għal ġmiel ta' xogħol tal-fuħħar taż-żmenijiet li għaddew u marru? Fuq il-Għerien ta' Ħalsaflieni, imħaffrin fil-blat dwar it-tletin xiber taħt l-art, b'għodod taż-żnied mas-sitt elef sena ilu, igħidilna l-Prof. Temi Zammit. Dan il-maqdes ta' taħt l-art fejn kienu jqimu l-allat, daqskemm għożżewh bdew biż-żmien iridu jidfnu fih il-mejtin tagħhom, u mhux ta' b'xejn li nsabu hemmekk għadam ta' dwar is-sebat elef bniedem. Imħalltin mal-għadam, insab xaqquf mill-isbaħ, frak ta' qliel, kwies u borom; u nsab żibeġ tal-bebbux li kienu jdawru bħal ħannieqa ma' għonq il-mejtin, u ħaġriet minquxa li jdendlu għal għajn mal-ħannieqa.

Biex ma ntawwalx aktar, inħajjarkom taqbdu f'idejkom li kitbu fil-ktieb ta' kull tliet xhur *"Il-Malti"*, u fil-paġni 35 u 51 tas-sena 1925 taraw ftit x'kitbu Temi Zammit u R. Briffa, u tistgħu ddaħħlu f'moħħkom aħjar jekk "nisilna hux tat-tajjeb", għal għerf ta' sengħa tiegħu, u kif ħadd f'ebda art oħra ta' madwarna ta' ħamsa u sitt elef sena ilu ma kien igħaddih lil ġensna ta' dawk iż-żmenijiet tal-qedem! Taraw kif Temi Zammit ifihem lil Fidiel fuq ix-xogħol tal-għaġeb ta' dawk in-nies, li ma kenux xi bnedmin mogħla s-swar ta' saħħa kbira, imma ta' moħħom jilħqilhom u s-saħħa kienet ta' moħħom.

Fuq il-"Qabar ta' Rômlu", fil-għolja tal-Palatin f'Ruma, insabet mirduma xi erbgħin sena ilu (1898) ħaġra sewda *(lapis*

*niger)*, u taħtha ħaġra oħra bil-ħżuż fiha fuq l-erbat uċuh tagħha. Safejn naf jien, għadhom minn dak il-ħżuż ma fissrux ħlief kelma waħda, li minnha jidhrilhom li qabdu xi tarf biex igħidu li Romlu kien l-ewwel sultan ta' *Rumon* (li jiġifieri bil-lsien tagħhom ta' dik il-ħabta, ix-xmara l-kbira, it-Têvre tal-lum) fi żmien li dawk li kienu jżommu ma' Romlu ftehmu fl-aħħar ma' dawk li riedu b'sultan lil Titu Tazju, daqskemm talbuhom bid-dmugħ f'għajnejhom in-nisa s-Sabini li jsiru annuna bejniethom. *(Orazio Marucchi, "Il Faro Romano e il Palatino")*. Issa Romlu u l-Qabar tiegħu u l-*Lapis Niger* x'għandhom x'jaqsmu magħna? Fakkarni fihom li kiteb dan l-aħħar, u għoġobni ħafna, l-arkeolgu Ugolini fin-"*Nuova Antologia*" u miġjub fil-*Malta* tal-11 ta' Ottubru fuq il-għerf tas-snajja u ta' kull għerf ieħor li misserijietna ta' ilu kienu mrawmin u mkissrin fih u li minn hawn Malta mbagħad xtered fil-Greċja u f'Ruma: mhux li kienet tinsab xi taħżiża *(graffiti)* li mbagħad jaraw kif jaqrawhom u jfissruhom u jagħtuna xi dawl fuq ġensna ta' dawk iż-żmenijiet ta' ilu! Xi skrizzjoni kriptagma!.. Imma mur sibha! Caruana, fi dħul il-Vokabularju tiegħu jgħidilna wkoll li Malta kienet minn ta' l-ewwel li laqgħet fi ħdanha l-għerf ta' l-aqwa nies taż-żmenijiet l-aktar imbegħdin: u l-lsien il-Malti, għal min irid u jaf jifhmu sewwa, isib fih bosta ħwejjeġ li ntsew u ħadd aktar ma jaf bihom li għandhom ħafna x'jaqsmu mal-għerf tan-nies ta' l-artijiet tal-Lvant.

"*Xi jgħid il-Malti*" ta' Patri Magri jgħidilna wkoll għerf Misserijietna ta' minn żmien Żemżem: dan il-ktieb tiegħu faħħruh ħafna l-Italja u Oxford, u jinsab miġjub bl-ingliż minn Miss. Dr. Margaret Murray u Mrs. Galea. Patri Magri, Alla jagħtih il-hena ta' dejjem, kien bi ħsiebu jġib bl-ingliż il-kotba tiegħu fuq il-proverbji (qwiel) Maltin, imma qabel xejn riedhom bil-malti biex xejn ma jitilfu mill-ħlewwa tagħhom.

Alf. M. Galea.

# MARIJA

Ħall'irekken ħaddieħor kemm jista'
bla tal-ħajja il-frugħa ma jqis,
ħalli b'ismu l-art jimla u jistenna
wara mewtu li tfaħħru kull nies.

Ġidi mħabbtek; int ferħi Marija,
ħajri wieħed li jħobbok kullħadd;
dallam, nixxef għajnejja f'ħofrithom,
jekk għajr ġieħek nixtieq jiena qatt.

Dawl tax-xemx tiela' f'għodwa ta' Mejju
fl-isbaħ sema li qatt raw is-sħab
lilek xebbħu; ma kemm aktar safja
inti li biss fuq il-maħfra tinsab!

Ma kienx jitla', ja Malta ħanina
isebbaħlek il-ljieli tas-sjuf,
ma kienx jieqaf fuq mewġek il-qamar
wara l-ħlewwa ta' ġmielek mitluf;

Kollox Wieħed il-bidu ta' ħlejjaq,
ħsieb ta' mħabba fil-Wieħed li kien;
int, Marija, lil Alla kont tgħaxxaq
bik jitgħaxxqu ġa kienu l-ħolqien.

Waqt ta' qawwa minn fomm il-kbir Alla
meta ħarbet il-kelma tal-ħliq,
id-dawl ħerraq id-dalma tal-frugħa
ix-xemx għallmet il-kwiekeb it-triq:

'mma ħin aqwa kien tiegħek Marija
meta ħabbrek l-Arkanġlu Grabiel,
u fik għammar, bla telf ta' xbubija
dak li minnu meħlus Israël.

Alla tiegħek fih demmek jiġġerra,
b'ħalib sidrek int Lilu rabbejt,
int għallimtu jitkellem u jimxi:
int il-ħlewwa ta' bewstu ħassejt.

Dwejra waħda, ħobż wieħed, qalb waħda,
miegħu dejjem ta' ħajtu f'kull żmien,
sakemm waslet is-siegħa tal-fidwa,
sa kemm tlajtu l-Kalvarju flimkien.

Iddew qalbek kif baqgħet ma nqasmet,
liema s-setgħa li żammet riġlejk
mita msammar int rajtu fuq għuda,
mita mejjet ilqajtu f'idejk?

Int il-qawwa fid-dwejjaq tal-ħajja,
int is-sabar, il-faraġ fid-dmugħ,
int il-kewkba li tħarrab kull dalma,
int id-duwa il tfejjaq kull ruħ.

Fuq il-knejjes tal-bliet imgħollija
jiddi wiċċek u jixhed bħal sliem;
moħħ il-bniedem int tbierek u tqawwi,
xogħol is-snajja int tmexxi l-quddiem.

Gewwa n-niċeċ imrekkna tax-xagħri
dawl quddiemek inemnem fir-riħ,
isellimlek il-bidwi kull lejla
waqt li, msejken, imur għal-mistrieħ.

Kollox minnek: jekk l-ilma fir-raba
qalb il-ħxejjex ifawwar kull żmien,
jekk itħaddar bid-dwieli miksija
fis-sajf tara għoljiet u widien,

kollox minnek; int traqqad il-baħar,
inti tbiegħed il-kruha tas-sħab:
lilek ħajr għal kull ħelsa ta' deni,
għal kull ġid li fid-dinja jinsab.

(Mill-*Ħabib*) PROF. A. CUSCHIERI.

# GĦALIEX IT-TALJANI U L-INGLIŻI KIENU JMAQDRU LSIENHOM

*(Siltiet mill-*Convivio *ta' Dante Alighieri u mid-*Dialogues *ta' Thomas Moore).*

*Ġibt dawn il-bċejjeċ waħda mill-"Convivio" ta' Dante u l-oħra mid-djalogi ta' "Blessed Thomas Moore" biex nuri, li mqar iż-żewġt ilsna Ingliżu Taljan, l-akbar għejun ta' tagħlim għall-Malta, għaddew mit-taħbit u tmaqdir bla ħaqq u bla għaqal li q'ed jolqot lsien art twelidna. Fil-waqt li dawk li jmaqdru, iparpru mid-dinja bħal friefet maħruqa fin-nar l-istorja tibqa' tgħallem u twiddeb qisha lis-Sfingi ta' l-Eġittu jew inkella Nemesi li fl-aħħar tagħti lil kulħadd li ħaqqu.*

Ġużè Aquilina

B'għajb ta' dejjem u b'inkejja ta' dawk it-taljani ta' fehma ħażina li jfaħħru lsien ħaddieħor u tagħhom imaqdruh, ingħid li ħamsa huma r-raġunijiet ta' min jistkerraħhom ta' din l-imġiba tagħhom. L-ewwel nett il-għama min-nuqqas ta' għaqal; it-tieni kewtiela ħanja; it-tielet regħba ta' frugħa; ir-raba' għira; il-ħames u l-aħħar ġjufija, jiġifieri nuqqas ta' ħila. U kull waħda minn dawn il-ħtijiet taħkem kotra ta' nies hekk kbira li ftit huma meħlusin minnhom.

Fuq l-ewwel waħda nistgħu ngħidu : Hekk kif il-ġisem għandu l-għajnejn li bihom jagħżel ħaġa minn oħra, mill-lewn li għandhom minn barra, hekk ukoll ir-raġuni għandha l-għajnejn li bihom tagħżel ħaġa minn oħra, u tifhem il-għan li għalih huma magħmulin. U dan hu l-għaqal. Bħal ma l-agħma jagħżel it-tajjeb mill-ħażin, kif igħidlu ħaddieħor, hekk ukoll min hu nieqes mid-dawl tar-raġuni, joqgħod għat-tlablib ta' ħaddieħor bla ma jara jekk huwa skond il-ħaqq jew lè. Għal-hekk jekk dak li jmexxih hu agħma, billi t-tnejn ikunu għomja, it-tnejn jispiċċawha ħażin. Għal dan hu miktub li l-agħma jmexxi l-agħma, u t-tnejn jaqgħu fil-ħondoq. Għar-raġunijiet li sa nitħaddtu fuqhom, ilu minn żmien jinstema' tlablib kontra lsienna. U mħabba dan it-tlalib, dawn il-għomja li semmejna, ma ssibx tarf tgħoddhom; fil-waqt li twieżnu b'idejhom ma' dawn il-giddibin huma waqgħu fil-ħondoq tal-fehma l-ħażina, u minn hemm ma jafux kif sa joħorġu. L-aktar li huma neqsin mid-dawl ta' dan il-għaqal huma n-nies ta' bla tagħlim, għaliex billi huma mxegħlin sa minn l-ewwel snin ta' ħajjithom f'xi sengħa jridu u ma jridux, jitilgħu tajbin għal din is-sengħa, imma ma jkunu tajbin għal xejn iżjed. U billi wieħed mhux la kemm jidra jaħseb u jħoss it-tajjeb jekk ma jkunx imdorri, u

billi dawn huma mdorrijin fis-sengħa u ma jfittxux jifhmu s-siwi ta' ħaġ'oħra, ma jistax ikun li jkollhom il-għaqal. Għal-nekk issib li bosta drabi jċapċpu lill-mewt tagħhom u jsaffru lil dak li jagħtihom il-ħajja; biżżejjed li jibda wieħed ! U dan in-nuqqas kbir ġej minn l-għama tagħhom. Għalhekk għal Boezio mhix ħlief frugħa l-ġieħ li jagħtu n-nies ta' bla tagħlim, il-għa-liex ma tifhemx. Dawn imissna nsejħulhom nagħaġ u mhux bnedmin. Għax jekk nagħġa tintefa' minn fuq ġarf ta' elf qama l-oħrajn kollha jinxteħtu warajha. U jekk nagħġa hi u miexja fit-trieq titqabeż, l-oħrajn kollha jagħmlu bħalha, avvolja jaraw li m'hemmx għal fejn jagħmlu hekk. Jiena rajt ħafna nagħaġ jaqbżu ġo bir għax qabżet waħda minnhom, forsi għax ħasbet li sa taqbeż xi ħajt għalkemm ir-ragħaj mar quddiemhom biex jil-qagħhom b'sidru u dirgħajh, jibki u jgħajjat.

It-tieni nett, insemmi dawk in-nies li huma kontra lsienna għal bil-ħâni. Ħafna huma dawk li jridu jkunu miżmumin bħala mgħallmin, aktar milli jkunu hekk tassew; u biex jewilla ma jiġrix li ma jibqgħux jinżammu b'hekk jagħtu l-ħtija dejjem lix-xogħol jew lill-għodda; bħal ma l-ħaddied bla sengħa jmaq-dar il-ħadid li jieħdulu u jgħid li s-sikkina ħażina għax il-ħadid ħażin, u d-daqqâq għax ma jdoqqx tajjeb, iwaħħal fil-kitarra. Hekk hemm xi wħud, u m'humiex ftit, li jridu jgħaddu b'nies li jafu jitħaddtu u biex jeħilsu li ma jgħidu xejn jew igħidu ħażin, jagħtu l-ħtija lillsien twelidhom u jfaħħru lsien ħadd-ieħor. U min irid jara jekk hux ta' min imaqdru dan il-ħadid jara x-xogħolijiet li joħorġu minnu l-ħaddiema tas-sengħa u b'hekk jikxef il-qerq ta' dawk li jmaqdruh biex ma jmaqdrux lilhom infushom. Kontra dawn joħodha Tullju fil-bidu tal-ktieb tiegħu li jismu "Għan il-Ġid" (1) għaliex fi żmienu kienu jmaq-dru l-latin ruman u kienu jfaħħru l-Grammatka griega. U hekk ukoll ingħid jien għar-raġunijiet bħal dawn, li dawn iċekknu l-lsien taljan u jgħollu dak ta' Provenza.

It-tielet nett jiġu dawk li jmaqdru lsienna mħabba l-għatx ta' frugħa li għandhom. Ħafna huma dawk li jaħsbu li billi jfaħħru lsien ħaddieħor u jiktbu bih, b'daqshekk sa jingħoġbu iżjed milli kieku kitbu bi lsienhom. M'għandniex xi ngħidu hu ta' min ifaħħru dak il-bniedem li jitgħallem lsien barrani, imma ta' min imaqdru jekk, ifaħħru barra mis-sewwa biex jiftaħar b'rix ħaddieħor.

Fir-raba' nett l-imma ta' xi wħud mhix ħlief fil-għira. Kif għedna qabel, il-għira titnissel meta ssib min jinqala' daqsek. Fost ġens ta' lsien wieħed, il-lsien inissel il-għira u għax wieħed ma jafx daqs l-ieħor tiġih il-għira. Dan il-għajjur ma jmaqdrux billi jgħid li hu ma jafx xi jgħid, imma jmaqdar lill-lsien li bih inqeda, biex jisraqlu, (billi jmaqdarlu xogħlu għal din ir-

(1) T. Cicero "De finibus Bonorum Et Malorum" li Dante qaleb "Di fine De' Beni !"

raġuni) il-ġieħ ta' ismu, bħal dak illi jmaqdar il-ħadid tas-sejf mhux biex imaqdar il-ħadid imma biex lil l-imgħallem imaqdarlu x-xogħol tiegħu kollu kemm hu.

Il-ħames u l-aħħar nett jiġu l-ġwejjef. Il-bniedem ta' qalb kbira jkabbar lilu n-nifsu f'qalbu, u l-bniedem ta' qalb ċkejkna dejjem jaħseb li hu iċken milli hu tabilħaqq. U billi t-takbir u t-tiċkin isir dejjem fuq xi ħaġa li għaliha l-kbir jitkabbar u ċ-ċkejken jiċkien, jiġri li l-kbir jara l-oħrajn iżgħar milli huma u ż-żgħir jarahom akbar milli huma. U billi l-bniedem iqis b'xibru jiġri illi l-kbir jaħseb illi dak, li jagħmel hu, hu aħjar minn li hu tassew, u aħjar minn dak li jagħmel ħaddieħor; u li l-ġifa jaħseb li għamilu ma jiswa għal xejn, u jkabbar xogħol ħaddieħor. Għalhekk ħafna għal dan in-nuqqas ta' ħila imaqdru lsien twelidhom u jfaħħru lsien ħaddieħor u dawn il-flien kollha huma t-taljani ta' min jistmellhom, li jqisu bħala ħaġa ta' xejn is-sabiħ ilsienna, li jekk għandu xi ħtija mhix ħaġ'oħra ħlief li jistema fil-ħalq maħmuġ ta' dawn iż-żenjin, li warajhom jimxu ħafna għomja li jiena semmejt fl-ewwel nett.

* * *

*(U dan li ġej wieġeb Thomas Moore għal min kien imaqdar lil lsien ingliż).*

Din li lil lsienna jsejħulu żorr mhiex ħlief bluha, għax kif jaf kull bniedem ta' tagħlim, kull ilsien hu hekk għal min ma jafux. Jekk imbagħad iridd jgħidu li hu nieqes mill-kliem, ħadd ma jista' jgħid li ma għandux biżżejjed biex nuru x'naħsbu fuq kull ħaġa li wieħed hu mdorri jitħaddet fuqha ma' ħaddieħor.

(B. Thomas Moore. Dialogue III. 16.)

## X'KITBULNA

....Il-kitba tiegħek: *L-aħħar jiem tas-sajf f'Bingħisa* li qrajna f'*Leħen il-Malti* ta' Settembru, ngħoddha bħala biċċa xogħol letterarja li fiha mfisser tajjeb l-inħawi tad-dar fejn għaddejt il-jiem tas-sajf u mħabbtek għas-skiet fil-beraħ tal-għelieqi, qrib il-baħar ukoll. Biċċa proża sbejħa Maltija! Il-kelmiet: qalbi *tberrħet*, id-dar *imdella*, il-*mitjar* ta' Ħal-Far, *nittiffel* mat-tfal, *id-diwi* tal-għajjat, ħsejjes *tarraxa*, għelt li *jsemmem* il-qlub, u oħrajn, fosthom dawk imnisslin minn xi nomi u kliem ieħor, għoġbuna ħafna. Fiż-żmien li għaddejjin minnu, kliem imnissel bħal dan jiswielu wisq lil ilsienna l-għażiż, kif kont urejtna f'*Il-Malti* dwar kif jista' jikber u jisbieħ il-Lsien Malti.

MARIO AGIUS.

# FIL-KATAKOMBI (1)

## (Ħsieb)

*"Koimitérion éos ánastáseos"* (2)
(Tmiem ta' skrizzjoni fuq qabar nisrani)

Għalxejn tfittex hawnhekk tal-ġmiel is-sengħa,
dik is-sengħa li mliet Ateni u Ruma
b'egħġubijiet li l-ebda żmien ma sata'
jisboq fil-qawwa anqas fil-ħlewwa: l-ebda
kburi ma ħaseb lilu-n-nifsu jħalli
minqux fir-rħam hawnekk, biex minnu jibqa'
l-isem għallinqas u ma jmutx għal kollox.
Kullmin hawn niżel, għad li għex fid-dinja,
ma kienx tad-dinja (3) w ġid u għana-w żîna
għalih fiergħa-w bla tgħoma. Oh ! x'jiswa, x'jiswa
tikseb u taħżen, la ma żżomx għal dejjem!
Wieħed biss hu ta' dejjem, u biex jirbħu
lil dan il-Wieħed li mal-faqar tgħannaq,
kull ma jlellex fil-għajn u l-qalb iħajjar
żammew dawk il-għaqlin taħt qiegħ riġlejhom.
Kullmin niżel hawnhekk kien jaf li nieżel
f'nagħsa li minnha jqum; (4) kien jaf li Alla
jarġa' jiġbor f'setgħetu t-trab tal--oqbra
imxerred kullimkien u jarġa' minnu
idomm l-iġsma li l-Mewt ħattet u farrket.

DUN KARM.

(1) Katakomba: Għar, jew ħofra taħt l-art fejn l-insara kienu jidfnu l-mejtin u jagħmlu xi riti mqaddsa.

(2) Tliet kelmiet griegi li jfissru: "lok-il-mistrieħ sal-qawma mill-imwiet".

(3) Kelmiet ta' Kristu.

(4) Għalhekk l-insara semmew il-midfna tagħhom "Ċimiterji", għaliex din il-kelma tfisser "marqad"

# EŻAMI TAL-MALTI

Għal dawk li jkunu jridu l-quddiem jagħtu l-eżami tal-Malti sa nġibu hawn il-mistoqsijiet tal-aħħar eżami taċ-ċivil li sar fit-13 ta' Settembru li għadda.

1. Liema ħoss jitfisser bil-konsonanti *c* u *g*? Jista' wieħed jikteb *ciarrat, giurdien, ghendus, ctieb*?

2. Kif jingħaraf jekk il-ħoss ta' *ħ* f'tarf il-kelma għandux jinkiteb *ħ* jew xort'oħra? Nistgħu niktbu *biħ,m ismuħ*?

3. Agħmel il-plural ta': *demgħa, żagħżugħ, xahar, żgħir fergħa, qalgħa*, u l-għadd imtenni ta: *ġimgħa, siegħa, bajda.*

4. Liema huma s-suriet tal-verb u liema hu t-tifsir ta, kull waħda? Liema suriet jitnisslu mill-verb *fehem*, u fisser kif inhuma mnisslin?

5. Liema hi l-ewwel sura ta' dawn il verbi: *qiegħed ittieħed, twieżen, stamat, stenbaħ, stagħna, tliegħeb, ixxiebaħ.*

6. Għid fiex jingħażlu: *fhimna* u *fehimna, bgħatna u bagħatna, għamilna* u *agħmilna.*

7. Fisser tajjeb il-ligi ta' "t-tliet konsonanti" (triliteralism) fit-tiswir u fit-tnissil tal-kliem.

8. Sewwi fejn hu miktub ħażin:

   Ġejna nfiċċuk fis-sagħtejn, imma kont għadek ma ġejċ. Qagħdna nilgħabu xi quarta. Imbagħad morna x-xgħara, u t-tifla r-riħ ħabblilha xagħrha.

Jitwieġbu sitt mistoqsijiet biss.

# IRQAQAT TAL-KITBA

Staqsa xi ħadd: Għaliex ma niktbux *meta kkmanda, kienu kkundannati* mingħajr *i* fil-bidu, bħalma niktbu *meta nkiser, kienu mberkin* mingħajr *i*?

Qabel ma nwieġbu, ngħarrfu li fil-Malti hemm ħafna kliem li jibda b'żewġ konsonanti li huma ebsin għall-lsien, l-aktar meta l-kelma ta' qabilhom tispiċċa b'konsonanti, ħekk *nsejt, kont mbierek.* Biex ikun aktar ħafif għall-ilsien kliem bħal dan iżid fil-bidu tiegħu l-vokali *i*, u għalhekk ingħidu u niktbu: *insejt kont imbierek.* Din il-vokali *i* m'hix biċċa mill-kelma, iżda żjieda barranija li tinhemeż mal-kelma, meta hi meħtieġa biss. Mela meta mhix meħtieġa, jiġifieri meta l-kelma ta' qabilha tispiċċa b'vokali, l-vokali *i* ma tidħolx, u

għalhekk niktbu *meta nkiser* u mhux *meta inkiser*, *kienu mberkin* u mhux *kienu imberkin.*

Issa fi kliem ġejj mit-taljan bħal *ikkmanda*, *ikkundanna ikkastiga*, *ippublika* jew ġejj mill-ingliż bħal *illawdja*, *ikkrossja*, *iċċekkja*, *ixxiftjat* l-vokali *i* ù l-ewwel sillaba kollha nqisuha bħala biċċa mill-kelma u mhux bħalha żjieda barranija. Il-kelma taljana jew ingliża meta daħlet fil-Malti kellha tilbes libsa Maltija biż-żjieda tal-ewwel sillaba. Mela l-vokali *i* ma tistâx tinxorob mill-vokali tal-kelma ta' qabilha imma għandha tibqa tinkiteb dejjem, hekk: *meta ikkmanda*, *kienu ikkundannati.*

Hekk ukoll fi kliem ta' nisel Malti l-vokoli *i* ma tinxorob qatt meta hi biċċa mill-kelma, u għalhekk niktbu: *meta ibbies* u mhux *meta bbies*, *ħadilna isimna* u mhux *ħadilna simna*, *kotba ingliżi* u mhux *kotba ngliżi.*

Mela l-vokali *i* fil-bidu ta kelma tinxorob mill-aħħar vokali tal-kelma ta' qabilha meta mhix biċċa mill-kelma; meta hi biċċa mill-kelma ma tinxorob qatt.

SAYDON.

# LIS-SALIB

(*Ave, Crux, spes unica*)

Kull meta, mnikket, lejk inħares b'qima,
Jew, nieqem, nibki ta' frugħiti l-ħtija,
Tilqagħna dejjem biex insib tbissima:
Mill-fomm ta' dak li fuqek miet għalija.

Tfakkarni nieħu m'n għandu dit-tagħlima:
Sabar, is-sewwa, ma' kullħadd mogħdrija.
Qalbi tfarraġli x'ħin natik tislima;
Twennisni b'dellek fit-treqât uegħrija...

Inissilli qawwa w tama, f'dinja mqallba...
Kull jum filgħodu x'ħin ukoll filgħaxija,
Inroddok b'qima qabel nibda t-talba.

Wara li f'mewti tkun ukoll int sabri,
Jinxef il-ward ta' dawk... li jaħsbu fija
Xbiha biss tiegħek tibqa żżejjin qabri!

MARIO AGIUS

Villa Lia

# WARDA SAFJA

Qalb l-oħla fwejjaħ—ta' nwar il-plejju
Radmet Rożanna—ħienja ż-żerriegħa.
F'warda bla tebgħa—l-isbaħ ta' Mejju
Fetħet, xħin żernaq—jum ir-rebbiegħa,
Għaż-żagħżugħ smajjar—ta' fommu ħlejju
Riedet ix-xbejba—fil-ġnien tħalliha.

Darba fil-ħemda—f'lejla qamrija
Il-"warda safja"—tatu f'idejh;
B'leħenha mitfi,—b'rasha mbaxxija
Talbitu jgħożżha—daqs ħbub għajnejh.
Din l-għanja hu niseġ—f'dik il-għaxija
Hekk kif mal-warda—tbewwsu xofftejh:

Rożanna! Din il-warda
Aktar flimkien rabtitna;
Tkun rahan ta' mħabbitna
Għal kemm itul iż-żmien.
Naħliflek illi safja
Lilek inroddha jien
Sabiex targa' żżejjinlek
Bi ġmielha ħdan il-ġnien.

F'ħolma ta' mħabba,—bla tarf sabieħa
L-għanja tas-smajjar—żagħżugħ bennitha....
'Ma f'daqqa waħda - xħin hekk mistrieħa
Bħal żiffa kiesħa—mill-ħolm ħasditha:
Il-warda sbejħa—mimlija fwieħa
Bdiet tfittex ħiemda—bla ma sabitha.

Fl-aħħar, ġo rokna—mirfusa lemħet
Il-"warda safja"—niexfa l-werqiet.
Għall-hemm tal-ħajja—dlonk qalbha nfetħet
Baqgħet miblugħa—tħares fis-skiet.
Bil-qerq tas-smajjar żagħżugħ intebħet....
Għanjetu, mbikkma—tolfoq tenniet:

Rożanna! Din il-warda
Aktar flimkien rabtitna;
Tkun rahan ta' mħabbitna
Għal kemm itul iż-żmien.
Naħliflek illi safja
Lilek inroddha jien
Sabiex targa' żżejjinlek
Bi ġmielha ħdan il-ġnien.

. . . . . . . . . . .

Bħal warda li tiift inti
F'ħajjtek ma ssib imkien.

KARM VELLA.

# TAGĦRIF

## KELMA BEJNIETNA

Xtaqna li ma ngħiduha qatt dil-kelma, anqas bejnietna. U biex ma ngħiduhiex stennejna mil-lum għal għada, stabarna, ittamajna. Imma baqa' f'wiċċna; il-ġerħa aktar kibret u ma nafux kif sa tiddewwa. Ngħidu bla ħabi ta' xejn: *ħafna u ħafna mill-imseħbin ma jridux jafu bi ħlas* Tibda s-sena u ma jisimgħux, nibagħtulhom sa ġo darhom daqsxejn ta' karta biex ingħidulhom kemm għandhom jagħtu u jweġbux. Is-sena għaddiet aktar min nofsha u bil kemm għadhom ħallsu mit-tlieta waħda tal-imseħbin. Ħafna għadhom ma ħallsu anqas tas-sena l-oħra. Oħrajn anqas is-sena ta' qabilha ma ħallsu. X'uħud wara li tlabniehom iħallsu għal darba, tnejn, tlieta, b'wiċċhom tost qatgħu t-tisħib u ħallewna b'sena jew sentejn dejn Għaliex dan? Din mhix irġulija! Biex tibgħat xelin bolli f'envelop ma tridx titħabat wisq. U jistgħu wkoll, bħal ma jagħmlu x'uħud, jissieħbu tnejn jew tlieta bejniethom u jibagħtu l bolli f'envelop wieħed. Taħbit żgħir għal min irid jagħmlu. U mbagħad ħafna minn dawk li għandhom jagħtu, tismagħhom b'sebât ilsna jfaħħru l-Malti, igħidu li jħobbuh u li jagħmlu kollox biex jarawh imgħolli u mweġġah, u xelin fis-sena ma jħallsuhx!

Issa x'sa nagħmlu? Jew inkunu rġiel ta' kelmtna: jiġifieri, nżommu kelmtna bħala mseħbin u nħallsu, jew dan il-ktieb ma joħroġx iżjed. Nixtiequ li konna nistgħu nqassmuh b'xejn, imma din tibqa dejjem xewqa bla temma. Ħbatna nkabbru l-ktieb u bdejna noħorġuh b'16 il-faċċata. Imma żidna l-ispejjes u naqas id-dħul!

Għalhekk ngħidu l-aħħar kelma u nitolbu l-imseħbin iħallsu biex ma jġâgħluniex inwaqqfu x-xogħol tagħna x'ħin beda jagħti l-frott tiegħu.

**250 imsieħeb f'Leħen il-Malti għadhom ma ħallsux is-sena 1934-35.**

**120 imsieħeb għadhom anqas ma ħallsu s-sena 1933-34.**

**Inġibu isimhom ?**

---

## KOTBA LI BAGĦTULNA

"*Melita Agricola*", Nri. 1-22

"*The Teacher*" ta' Ottubru.

Galea A. M. "*Tagħlim tal-Appostli*"; it-tmien ktieb.

"*L-ewwel għajnuna lil min ikorri*" maqlub bil-Malti mill-Prof. Sir Tem. Zammit, 1934, The Empire Press, faċċ. 241.

Niżżu ħajr lil kulħadd.

Tisħ.b

| | |
|---|---|
| 6d. | kull sitt xhur |
| 1s. | kull sena |

Kopja waħda sold

Għal barra minn Malta id-doppju.

## INFAKKRU

l-imsehbin li għadhom ma ħallsux biex jibagħtu l-Empire Press il-ħlas tagħhom, u dawk li għandhom jagħtu aktar minn sena nergħu nitolbuhom, bħalma tlabniehom bosta drabi, jħallsu jew, jekk ma jridux jibqgħu msieħbin, iregggħu dal-ktieb lura mal-ħlas tal-warrani.